MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 758/2014

**Jesmar u martu Rose Tonna**

**vs**

**Mario Parnis gestitur fin-negozju bl-isem ta' Parnis Woodworks**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-AVVIZ ir-Rikorrenti qed jitlobu li l-Intimat jigi kundannat iroddilhom lura l-*quantum* ta' €3,200 li hallsuh waqt li kien ghaddej xoghol tal-injam u dana ghax ix-xoghol sar hazin u dilettantesk u mhux skond l-arti u s-sengha kif ukoll li jigi ordnat jaqla, inehhi u jizgombra x-xoghlijiet tal-injam li wettaq l-istess Intimat u dana bi spejjes tieghu.

B'RISPOSTA ntqal hekk:-

1) L-eccezzjoni tal-*alibi pendens* in vista ta' kawza fl-ismijiet inversi, fuq l-istess mertu (399/2014/GB).
2) Nuqqas ta' kompetenza tat-TRIBUNAL li jiddeciedi x-xoljiment tal-appalt li jeccedi l-kompetenza *ad valorem* u anqas hu kompetenti jiddeciedi dwar esekuzzjoni specifika kif hemm fit-tieni talba.
3) Dwar xoljiment ghandu jipprocedi fil-fora kompetenti.
4) Ix-xoghol sar skond is-sengha.

5) L-Attur qed jaqla problemi li ma jezistux.
6) L-Attur ma jistax jitlob xoljiment ta' appalt meta l-maggor parti tax-xoghol giet accettata u mhallsa u l-mertu tal-lum jikkoncerna parti minima.
7) Id-domandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Ra** li l-inkompetenza hi (kif verbalizzat mill-Intimat) bazata fuq tliet binarji, jigifieri: *ad valorem, ratione materiae* u l-*privilegium fori* billi hu jghix Ghawdex u x-xoghol sar hemm (ara seduta tal-25/2/2015).

Fl-istess udjenza gie verbalizzat li quddiem dan it-TRIBUNAL giet istitwita l-kawza 339/2014 fl-ismijiet inversi dwar il-*privilegium fori* u din giet accettata u l-kawza ntbaghtet Malta.

**Ra** li meta l-Intimat xehed fl-istess udjenza qal li fil-kawza l-ohra qed jitlob €2500 oltre dawk l-€3500 li qed jitolbu r-Rikorrenti.

III DECIZJONI

It-TRIBUNAL qies dak kollu li rrizulta quddiemu u qies ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensuri dwar it-tliet eccezzjonijiet preliminari msemmija u jghid hekk:-

i) It-TRIBUNAL twaqqaf ghal dak li ghandu x'jaqsam ma "money claims" u dana sal-massimu stabbilit bhala *quantum*. Dan ma jfissirx li qieghed hemm biex semplicement jinforza xi ammissjoni jew jiddeciedi in kontumacja ta' xi debitur. Certa nvestigazzjoni u certu sfond hu floku li jigi nvestigat fejn hemm kontestazzjoni. Izda mhux izjed minn hekk.

ii) L-eccezzjonijiet preliminari iridu jitqiesu fuq l-isfond ta' dak mitlub fl-AVVIZ. Hawn qed jintalbu (a) kundanna ta' hlas ta' *quantum* imsemmi u (b) kundanna li jsir certu xoghol. Dawn iz-zewg talbiet huma marbuta ma xulxin u l-Attur qatt ma rtira (*siapure* bla pregudizzju) it-tieni talba. Xejn aktar minn hekk.

iii) It-TRIBUNAL, ghal kull bon fini jinnota li fil-kawza l-ohra (ismijiet inversi) gie nominat perit, hawn fuq qbil bejn il-kontendenti.

iv) In definitiva t-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi jiddikjara ruhu nkompetenti *ratione materiae* u jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet u f'dan is-sens qed **jichad** it-Talbiet fl-AVVIZ. Dana bla pregudizzju ghal kull dritt spettanti lir-Rikorrent, *si et quatenus*. **Jiddeciedi** wkoll li, fic-cirkostanzi din il-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------